***Kunsill Lokali Marsaskala***
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IS-SEBA LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 73**

**L-Erbgħa 27 ta' Ġunju 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Lawrence Ciantar- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Charlot Mifsud – Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**73.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**73.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittri t'apoloġiji tal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar.

**73.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 71 tal-21 ta' Mejju 2018:***

Ma kienx hemm kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti peress li hija laqgħa b'urġenza.

**73.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku peress li hija laqgħa b'urġenza.

**73.4** **Tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kienx hemm tweġibiet għal-mistoqsijiet peress li hija laqgħa b'urġenza.

**73.5** **Rapporti:**

Ma kien hemm l-ebda rapport.

**73.7** **Korrispondenza:**

**73.7.1** ***Applikazzjoni PA 4710/18 sottomess rigward l-eks Jerma Hotel biex tinbena lukanda u appartamenti.***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi fil-15 ta' Ġunju 2017 saret laqgħa prelimenari mal-iżvilluppaturi u fl-14 ta' Novembru 2017 il-Kunsill iltaqgħa uffiċjalment magħhom. Peress li għal l-aħħar laqgħa kien hemm xi Kunsilliera illi ma setgħux jattendu reġgħet saret laqgħa oħra ufficċjali fl-4 ta' Diċembru 2017 fejn kien hemm deċiżjoni favur l-iżvillup. Huwa kompla jispjega illi fil-laqgħa annwali l-investituri kienu ġew mistiedna u spjegaw il-pjanti tagħom waqt din il-laqgħa u issa tefgħu l–applikazzjoni tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi peress li kien hemm xi Kunsilliera ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa għaddew il-kummenti tagħhom. Huwa kompla jispjega illi 60% tal-bini żvilupat ser jkun kmamar tal-lukanda u *self serviced apartments* u 40% tal-iżvillupp ser jkunu appartamenti residenzjali.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk is-*self serviced apartments* hux ser jkunu parti mil-lukanda.

Is-Sindku wieġbu li ser jkunu.

**73.7.2** Il-Kunsillier is-Sur john B Camilleri qal illi 250 kamra ser jkunu *5 star*, 128 *self serviced apartment* u 166 unit ser jkunu residenzjali.

**73.7.3** Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet jekk sarx l-*environmental impact assessment.*

Is-Segretarju Eżekuttiv weġiba li sa fejn jaf hu dan għadu ma sarx.

**73.7.4** Is-Sindku qal illi huwa tal-opinjoni illi madwar it-torri minflokk jsir *open space* għal *picninc area* peress li f'Marsaskala għandha l-*family park*, jsir jew *tennis court jew basketball court.*

Il-Kunsill ma qablix dwar dan.

**73.7.5** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li skond il-pjanti sottomessi fl-applikazzjoni qed jidher illi l-bini huwa maħruġ iktar il-barra minn dak li kien ġie spjegat qabel, b'konsegwenza illi t-triq li hemm preżentament ġiet eliminata.

Il-Kunsillier is-Sur john B. Camilleri qal li mhux aċċettabli illi t-traffiku jgħaddi mad-dawra tat-torri u jiġi qisu *roundabout*.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li issir mina taħt l-art jew issir triq kif hemm fil-preżent.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jekk il-mina ma jsirx għandha issir triq kif hemm fil-preżent.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk jaqblux li triq tidjieq u issir *one lane*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa tal-opinjoni li t-triq ma *tiġiex one lane* ħalli t-traffiku jibqa għaddej. Huwa kompla jispjega li kejjel l-għoli minn mal-baħar u hemm madwar żewġ sulari u għaldaqstant il-mina tista issir.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi hemm ċans li vetturi għoljin bħal *coaches* ma jgħaddux mill-għoli xorta waħda.

**73.7.6** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li meta jara dan it-tip ta' proġett li hija binja ta' 13 –il sular fuq is-*shoreline* per bażi ta' prinċipju ma jaqbilx.

Kien hemm skambju ta' diskors kontrastanti bejn is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar reġa qal illi per prinċipju ma jaqbilx ma dan il-proġett ta' 13 –il sular u l-Kunsill għandu joġġezzjona. Huwa kompla jgħid illi għandna nitolbu lil Gvern Ċentrali sabiex jixtri din l-art u ssir *open space*. Huwa kompla jgħid illi wieħed jrid jara dan fuq il-kontest kollhu f'Marsaskala, fuq il-bini li qed jsir f'Marsaskala u fuq l-impatt ambjentali, ekonomiku u anke soċjali.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li l-Kunsill għandu joġġezzjona u li għandu jsir pjan lokali għal proġetti kollha li qed jsiru fil-lokal bħal proġett tal-bini tal-Kunsill, l-Universita`, *yacht marina* u proġetti oħra. Huwa saħaq li joġġezzjona għal din l-applikazzjoni.

**73.7.7** Il-Viċi Sindu Dr. Desiree Attard qalet li hija tal-opinjoni illi issir il-mina minħabba it-traffiku.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġiba illi jista jkun li jkun hemm oġġezzjoni min-naħa tal-*Heritage* minħabba li t-Torri jinsab fil-viċin.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-pjanta li għandhom illum qatt ma dehret fil-*presentation* tal-laqgħat ta' qabel.

**73.7.8** Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet illi f'Ħal Qormi kien hemm żvillupp propost ħdejn Mitħna li hija *Grade 1 listed* u minħabba li l-għoli ta' dan l-iżvillupp kien ser jgħamel impatt fuq din il-mitħna ġie rifjutat. Hija qalet illi t-Torri ta' San Tumas huwa *Grade 1 listed* ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li jekk ser jbaxxi mil-għoli ser jifrex iktar l-iżvilupp.

**73.7.9** Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet illi hija ma taqbilx mal-*landscaping* sal-kosta għaliex skond il-liġi tad-dominju pubbliku trid tħalli 15 il-metru minn mal-kosta u li kosta trid tkun aċċessibli u titħalla fl-istat naturali tagħha. Hija qalet ukoll li trid tiġi protetta l-flora u l-fauna.

**73.7.10** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fil-laqgħat preċedenti kienu tkellmu illi l-materjal jitneħħa minn fuq il-baħar u mhux jgħaddu bih mit-toroq iżda fir-rapport imħejji mil-Perit tal-iżviluppaturi ma hemm imsemmi xejn. Huwa ġibed l-attenzjoni rigward l-għli tal-lukanda iżda t-tweġiba kienet (min-naħa tal-kuntratturi) li l-liġi tippermetilom sa 13-il sular pero issa hemm talba ukoll għal penthouse.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skond il-*floor area ratio* hemm ċans li din tkun permissibli.

Il-Kunsillier is-Sur alwrence Ciantar qal li kullimkien żied sular.

Is-Sindku wieġbu illi l-proġett kif kien propost lill-Kunsill kien għal 13 il-sular u mtarraġ għal 7 sulari.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-parti tal-kosta mhux aċċessibli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li bejn il-pjanti li ppreżent fil-laqgħa mal-Kunsill u dawk li issottometta minn 7 sulari tela għal 9 sulari.

**73.7.11** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk hux ser jkun hemm parkeġġ għall-pubbliku.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fl-opinjoni tiegħu mhux ser jkun hemm parkeġġ għal pubbliku.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li diġa hemm problemi ta' parkeġġ fil-preżent.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li anke trid tipprovdi parkeġġ għan-nies li jżuru is-*shopping mall* u r-residenti tal-madwar mhux ser jkollhom fejn jipparkjaw.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa jaħseb illi l-mina għalhekk ma inkluduwiex fil-pjanta sabiex jerbħu iktar parkeġġi apparti li l-mina se toħloq diviżjoni bejn il-lukanda u l-art ta' maġenb it-torri.

**73.7.12** Is-Sindku qal illi l-latrina pubblika ser tinbena oħra.

**73.7.13** Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li la issa jaf kemm ser jkun hemm *units* kemm residenzjali u kemm tal-lukanda huwa ma jaqblix mal-proġett ħolistiku għaliex huwa massiv ħafna. Huwa kompla jgħid illi bl-ammont ta' *units* residenzjali ser żżid il-problema tat-traffiku u l-parkeġġ, ser ikun hemm żieda fil-familji u ma hemmx biżżejjed spazju u s-servizzi ma jifilħux għal din iż-żieda kollha.

**73.7.14** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li qatt ma kellhom informazzjoni ta' kemm ser jkun hemm *units* u issa li nafu kemm ser jkun hemm, wieħed jrid jara illi is-*serviced apartments* ser jnaqqsu mill-ammont tal-kmamar tal-lukanda u evantwalment dawn jistgħu jiġu mibjugħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi s-*serviced apartment*s huma parti mill-lukanda għax hawn min meta jsiefer jgħażel li jikri *service apartments* u mhux lukanda u huwa tal-opinjoni li ma nistgħux ninpeduh milli jagħmel dawn l-appartamenti diment li dawn jibqgħu iservu ta' lukanda.

**73.7.15** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi skond il-pjanti proposti bħala *area* ser jkun hemm *iktar residential units* milli lukanda.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal l-iżvillupattur kien qal li jista jibni sal-ponta iżda dan mhuwiex veru xejn għaliex l-*offshore* ma jistax jinbena.

**73.7.16** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li skond il-pjanti proposti l-*footprint* proposti huma iżgħar mil-*footprint* li hemm mibnija fil-preżent.

**73.7.17** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li li 250 kmamar tal-lukanda huma ftit u huwa tal-opinjoni illi għandu jnaqqas mir-*residential units* u jekk jrid is-*serviced apartments* joħodhom mir-*residential units*. Huwa kompla jgħid illi huwa tal-opinjoni illi l-binja għandha tkun hekk kif kienet spjegata fil-laqgħat ta' qabel jiġifieri 13 il-sular inkluż il-*penthouse* u 7 sulari appartamenti. Huwa qal ukoll illi l-*pool* għandu dubju hux ser tkun tista tintuża mill-pubbliku. Huwa qal ukoll li ħdejn il-*pool* hemm xi tip ta' bini propost ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li ser jħalli impatt negattiv fuq ir-residenti.

Is-Sindku qal li jaqbel mal-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar fejn jkun hemm 250 kamra tal-lukanda 5 star, il-128 *serviced apartments* jsiru kmamar tal-lukanda 5 star u jekk jrid is-*serviced apartments* jitnaqqsu mil-*units* residenzjali.

**73.7.18** Il-Kunsill qabel illi jitniżlu l-oġġezzjonijiet u ġiet ifformulata kif ser tinbgħat l-oġġezzjoni il-PA.

**<u>Oġġezzjoni</u>**

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jressaq oġġezzjonijiet ulterjuri waqt l-andament tal-proċess tal-applikazzjoni.

**73.7.18.1** **<u>Aċċess għat-Traffiku</u>**

Il-Kunsill jinnota li t-triq li hemm fil-preżent qed tiġi proposta li tiġi eliminata u l-Kunsill ma jaqbilx ma l-eliminazzjoni tat-triq eżistenti u għaldaqstant jew issir mina jew tibqa t-triq eżistenti kif inhi sabiex taqdi il-ħtiġijiet tar-residenti. Din kienet ġiet diskussa waqt il-laqgħa pubblika.

**<u>FAVUR - 5 Voti Favur</u>**

Is-Sindku is-Sur Mario Calleja, il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar.

**KONTRA – 0 Voti Kontra**

Ħadd ma ivvota kontra

**ASTENZJONI – 1 VOT t'Astenzjoni**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar astjena minħabba fir-rispett li qal qabel f'paragrafu 73.7.6.

**73.7.18.2 Skedar tat-Torri**

Peress li t-Torri huwa skedat *Grade 1* l-għoli u d-distanza proposti jmorru kontra n-natura tat-torri u ser jkollu mpatt negattiv fuq l-istess torri. Il-Kunsill jipproponi li l-iżvillupp propost jkun sensittiv għal kuntest tal-madwar. Għaldaqstant il-Kunsill qed jitlob li r-regoli li jistabillixxu l-protezzjoni tal-wirt storiku jiġu osservati kemm fl-għoli u kemm fid-distanza.

**FAVUR - 6 Voti Favur**

Is-Sindku is-Sur Mario Calleja, il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar

**KONTRA – 0 Voti Kontra**

Ħadd ma ivvota kontra

**ASTENZJONI – 0 Voti**

Ħadd ma astjena

**73.7.18.3 Liġijiet tad-dominju Pubbliku**

L-iżvilupp propost huwa inkompattibli mal-liġijiet dwar il-liġijiet tad-dominju pubbliku.

**FAVUR - 6 Voti Favur**

Is-Sindku is-Sur Mario Calleja, il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar

**KONTRA – 0 Voti Kontra**

Ħadd ma ivvota kontra

**ASTENZJONI – 0 Voti**

Ħadd ma astjena

**73.7.18.4 Tneħħija tal-Materjal**

Il-Kunsill jinnota li hemm nuqqas t'informazzjoni fuq it-twaqqigħ u l-ġarr tal-materjal.

**FAVUR - 6 Voti Favur**

Is-Sindku is-Sur Mario Calleja, il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar

**KONTRA – 0 Voti Kontra**

Ħadd ma ivvota kontra

**ASTENZJONI – 0 Voti**

Ħadd ma astjena

**73.7.18.4 Żmien tal-Proġett**

**Iż-żmien tal-porġett għandu jkun hemm time frame stipolat u jrid jiġi mħares.**

**FAVUR - 5 Voti Favur**

Is-Sindku is-Sur Mario Calleja, il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar.

**KONTRA – 0 Voti Kontra**

Ħadd ma ivvota kontra

**ASTENZJONI – 1 VOT t'Astenzjoni**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar astjena minħabba fir-rispett li qal qabel f'paragrafu 73.7.6.

**73.7.18.5 Għoli tal-bini u l-parkeġġ**

Fl-aħħar laqgħa li l-Kunsill kellu mal-iżviluppaturi intqal illi l-proġett kien ser jkun minn 13 –il sular u mtarraġ għal 7 sulari, filfatt fil-pjanti proposti fl-applikazzjoni jidher li l-binja proposta ġiet 13 –il sular u *penthouse* li jinżel għal 9 sulari u l-Kunsill qed joġġezzjona għaż-żieda tal-*penthouse* fejn hemm 13 – il sular u żieda ta' 2 sulari fil-parti residenzjali. Il-Kunsill diġa qed jinnota li l-għoli huwa eċċessiv.

**FAVUR - 5 Voti Favur**

Is-Sindku is-Sur Mario Calleja, il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar.

**KONTRA – 0 Voti Kontra**

Ħadd ma ivvota kontra

**ASTENZJONI – 1 VOT t'Astenzjoni**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar astjena minħabba fir-rispett li qal qabel f'paragrafu 73.7.6.

**73.7.18.6 Units Residenzjali**

Il-Kunsill qed jinnota ukoll illi f'paġna 17A hemm 250 kamra 5 star, 128 *serviced apartment* u *166 residential accommodation*. Il-Kunsill jipproponi li l-250 kamra 5 star jibqu kif inhuma u l-ispazzju tal-128 *serviced apartments* jiġu kmamar 5 star u parti mir-*residential accomodation* tiġi *serviced apartments*. Il-Kunsill jemmen li l-prijorita` għandha tkun il-lukanda.

**FAVUR - 5 Voti Favur**

Is-Sindku is-Sur Mario Calleja, il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar.

**KONTRA – 0 Voti Kontra**

Ħadd ma ivvota kontra

**ASTENZJONI – 1 VOT t'Astenzjoni**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar astjena minħabba fir-rispett li qal qabel f'paragrafu 73.7.6.

**73.7.18.7 L-iżvillup sħiħ huwa eċċessiv**

Tenut kont id-demografija, l-infrastruttura u servizzi tal-lokal, il-Kunsill jemmen li l-proġett kif propost huwa eċċessiv u ser jkollu impatt negattiv fuq il-lokal inkluż il-parkeġġ. L-iżvilupp mhuwiex jipprovdi biżżejjed spazji ta' parkeġġ la għal appartamenti proposti u lanqas għal faċilitajiet kummerċjali li hemm fl-applikazzjoni.

**FAVUR - 6 Voti Favur**

Is-Sindku is-Sur Mario Calleja, il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar

**KONTRA – 0 Voti Kontra**

Ħadd ma ivvota kontra

**ASTENZJONI – 0 Voti**

Ħadd ma astjena

**73.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagament:***

Ma kienx hemm kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti peress li hija laqgħa b'urġenza.

**73.9 Mozzjonijiet:**

Ma kienx hemm mozzjonijiet peress li hija laqgħa b'urġenza.

**73.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 23 ta' Lulju 2018 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 27 ta' Ġunju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 73- is-Seba Leġislatura.**